MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-18 ta' Novembru, 2009

Avviz Numru. 92/2005

**Carmel sive Lino Pisani (Id no 504459M) u Rashella Pisani (Id no 321996M) kemm f'isimhom personali kif ukoll ghan-nom ta' First Empire Ceramics Company Limited**

**Vs**

**George u Christopher ahwa Grech**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-atturi pro et nomine talbu sabiex il-konvenuti jghidu l-ghaliex ma ghandhomx jigu kundannati li jhallsu l-ammont ta' circa elfejn Lira Maltin (Lm2,000) bhala danni subiti mill-atturi stante li wara li sar it-trasferiment tal-ishma mill-konvenuti ghal ghand l-atturi irrizulta aktar dejn li l-attur qieghed isofri.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti (fol 17 ibid) u li biha eccepew bir-rispett:-

1. Illi t-talbiet tal-atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom stante illi:

(a) illi fl-ewwel lok is-socjeta’ attrici ma sofriet ebda danni u inoltre l-konvenuti ma humiex responsabbli ghal ebda danni fil-konfront tas-socjeta’ attrici;
(b) Illi l-konvenuti m’humiex responsabbli ghad-danni reklamati mill-atturi u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

2) Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat

Illi Carmel sive Lino Pisani (fol 21 et seq ibid) spjega li kien jmexxi s-socjeta’ hawn fuq imsemmija, liema socjeta kienet giet istitwita sabiex jigi importat f’Malta, madum. L-istess madum kien jinbiegh lilu esercenti dan il-kummerc taht l-isem ta’ ‘Keramit Bathroom Centre’. Bhala l-azzjonijisti tas-socjeta’ importatrici kien hemm hu kif wkoll iz-zewg konvenuti b’dan tal-ahhar, aventi 25% kull wiehed tal-ishma waqt li il-50% kien jappartjeni lix-xhud. Wara li sema’ illi l-konvenut, Christopher Grech, kien ukoll impjegat mieghu bhala ‘salesman’, jidher illi l-konvenuti, wara li ghaddew hames snin, iddecidew li ma jibqghux aktar azzjonisti fl-istess socjeta. Ghalhekk kien gie inkarigat l-awditur ta’ din is-socjeta’ sabiex jiddetermina l-valur tal-ishma appartenenti lill-konvenuti wara li jinkonsidra l-valur tal-‘istock’ kif ukoll id-dejn tal-istess socjeta, A bazi ta’dan, intlahqet figura sabiex hu jkun jista’ jixtri l-ishma tal-konvenuti. Filfatt kien sar il-ftehim bejn il-partijiet fl-ewwel (1) ta’ Marzu 2003 u dan jinsab esebit mal-atti a fol 26 et seq ibid. Skond l-istess ftehim il-hlas lill-konvenuti kellu jsir skond kif miftiehem fil-klawsola numru 2 (2) kif ukoll ‘as per attached schedule marked Document X’. L-istess xhud sema illi, b’effett mid-data l-

quddiem tal-istess ftehim, il-konvenuti ma kienux aktar responsabbli ghal dejn gdid tal-istess socjeta'. Ix-xhud kompla billi qal illi, sitt (6) xhur wara li gie ffirmat l-istess ftehim, hu kien hallas kont dovut meta l-konvenuti kienu ghadhom azzjonisti, liema kont ammontanti ghal Lm309.00 jinsab anness a fol 28 ibid. Inoltre, dejjem wara l-imsemmi ftehim, l-awditur informah li kien hemm dovut kont iehor li kellu jithallas, din id-darba lill-Kummisarju tat-Taxxi Interni vis-a-vis is-sena 2002 u ammontanti ghal Lm2664 (ara fol 29 ibid) oltre l-kont dovut lill-istess awditur ammontanti ghal Lm287. Hawnhekk hu sostna illi meta kien intlahaq il-ftehim mal-konventi kien gie konsiderat biss 'il-materjal'. Inoltre hu semma illi l-konvenut, Christopher Grech, meta kien ghadu azzjonijist kien obbliga ruhu 'qua' 'sponsor' billi jaghti Lm900 lil istituzzjoni filantropika (ara fol 33 ibid) fejn Keramit Bathroom Centre b'Christopher Grech, bhala 'contact person' huma mnizzlin. Dwar il-permess, ix-xhud qal testwalment 'In rigward dawn il-kontijiet illi … l-kumpanija kellha thallas, li ma kontx naf bil-kont ta' income tax', tal-fork lift' kont insejt' (ara ukoll l-ittra a fol 32 ibid). Dwar dak permess, gie esebit 'affidavit' tal-awditur involut ossija Mark Hili (fol 37 u fol 38 ibid). Dan specifika in rigward l-imsemmi ftehim illi '… Lino Pisani kellu jhallas ghal nofs il-valur tal-istock filwaqt li jassumi d-dejn li kien hemm fuq l-istock ukoll' u '… Lino Pisani, ghalhekk, assuma id-dejn u ha l-istock u dan gie rifless fil-prezz tal-azzjonijiet' wara li spjega illi '… kull ma kellha bhala valur kien il-merkanzija..' u 'kontra l-merkanzija kien hemm id-dejn mas-suppliers u mal-bank'. In kontroesami (fol 70 u fol 77 et seq ibid) hu spjega li kien ivvaluta' l-azzjonijiet a bazi tal-'management accounts' esebiti in atti ma dokumenti ohrajn a fol 45 sa fol 49 u li jgibu d-data tat-30 ta' Novembru 2002. Dwar dak dovut lilu, hu qal illi hu kien hareg il-kont tieghu u baghtu lis-socjeta' izda, kif jidher mic-'cheques', nofs l-ammont dovut lilu kien thallas minn Christopher Grech. Inoltre hu ssottolinea illi ' …. Ma kont bl-ebda mod involut fit-trasferiment tal-ishma' hlief, s'intendi, fil-valutazzjoni taghhom kif kien spjega di gja.

Ikkunsidrat

Illi l-konvenut, Christopher Grech, permezz ta' 'affidavit' b'dokumenti annessi mieghu (fol 42 et seq ibid), wara li spjega l-isfond u r-ragunijiet ghaliex hu u huh kienu xtaqu li jbieghu l-ishma taghhom lil Carmel Pisani, ikkonferma illi dan tal-ahhar kien inkariga lil Mark Hili, l-awditur, sabiex jivvaluta l-ishma tal-kumpanija.  Dan kien wasal ghal konklusjoni illi l-ishma kellhom valur ta' Lm6 il-wahda u dan a bazi tal-'accounts up to date' (ara l-annessi Dok G1 u Dok G2 u a fol 45 u fol 49 et seq ibid) waqt li l-valur ta' Lm4 kien aktar realistiku bhala abazi tan-negozjati. Ghar-ragunijiet imsemmija fl-istess xhieda ossija l-valur tal-assi kurrenti u ordnjiet pendenti hu hass illi l-valutazzjoni kienet wahda baxxa.  Ghalhekk, a bazi tan-negozjati li saru, kienu waslu fi ftehim fuq prezz globali ta' Lm35,000 u kien sar u gie ffirmat il-ftehim gja msemmi.  Ix-xhud isostni illi '… bhal ma kienu gew trasferiti l-assi krediti u d-drittijiet kollha …kienu ovvjament gew trasferiti ukoll id-debiti kollha (tal-kumpanija).  Difatti skond l-istess ftehim 'The buyers (l-atturi) undertake on behalf of the company ……. to indentify (il-konvenuti) agaist any future liabitilies that may arise due to their share holding as from the date of this agreement'.  Sussegwentement, b'referenza ghal pagament permezz ta' 'post dated cheques' tal-prezz miftiehem in rigward l-istess ishma, l-ahhar 'cheque' ma setax jissarraf ghal Carmel Pisani kien ghalaq il-kont relattiv u difatti kienu nfethu proceduri fil-Qorti kif jidher mid-decizjoni esebita in atti a fol 56 sa fol 58. Dwar l-istess ammont, pero', ghadu ma kienx sar il-hlas effettiv.

Ikkunsidrat

Illi, sintetizzati l-provi, jidher li l-attur pro et nomine qed jsostni illi l-ammont msemmi fix-xhieda tieghu hu dovut 'bhala danni subiti … stante li wara li sar it-trasferiment … irrisulta aktar dejn …'  dwar dan il-Qorti thoss li:-

a) Ma hemmx bazi legali fuq hiex setghet tkun bazata din it-talba kif proposta.  Dwar dan il-Qorti rat l-artikoli rilevanti u li jirregistraw danni kontrattwali u wara li analizzathom ma setghetx tara kif it-talba in esami tista' tinkwadra ruha taht l-artikoli 1125 et seq tal-Kodici Civili u li jirregolaw danni dovuti f'kaz ta' ksur ta' xi obbligazzjoni.

b) In rigward il-fatti in esami kif hawn fuq esposti, l-ewwel haga li ghandha tinghad hi illi kien l-istess Carmel sive Lino Pisani li kien, fi kliemu stess ‘jmexxi’ l-kumpanija attrici. Konsegwentement il-Qorti issibha difficli li temmen lill-istess Lino Pisani meta xehed illi ma kienx jaf illi kien ser jkun hemm kont dovut lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni in konnessjoni mat-taxxa fuq il-qliegh tal-istess socjeta’. In rigward il-kont tal-imsemmi awditur irrisulta, b’mod car, illi dan kien thallas, ukoll, mill-konvenuti in rigward sehemhom’. In rigward dak li qal l-attur dwar il-‘fork lifter’, in kontro esami, hu eventwalment qal illi dwar dan kien ‘insejt’. Fl-ahharnett sar accenn ghal ‘sponsorship’ ta’ istituzzjoni filantropika u ammontanti ghal Lm900. Fid-dokument a fol 33 ibid hemm imnizzel illi l-‘sponsor’ effettivament kien ‘Keramit Bathroom Centre’ hawn fuq imsemmija, waqt ix-xhieda tal-istess Lino Pisani.
c) Mill-istess provi, irrisulta illi kien l-istess Lino Pisani li kien inkariga lill-awditur sabiex jivvaluta l-ishma tal-istess kumpanija sabiex din il-valutazzjoni sservi bhala gwida u bazi fin-negozjati bejn il-partijiet. Kien a bazi ta’ din l-istima ta’ bejn Lm4 u Lm6 illi kien intlahaq il-ftehim finali skond l-annessa skrittura u;
d) Ta’ minn isemmi illi fid-decisjoni hawn fuq imsemmija moghtija mit-Tribunal kompetenti, dak sollevat f’din il-kawza minn Lino Pisani kien di gja tqajjem, bhala eccezzjoni, f’dak il-kaz, liema eccezzjoni giet skartata ghar-ragunijiet kif specifikati a fol 57 ta’ dawn l-atti u li maghhom din il-Qorti, perfettament taqbel.

Ikkunsidrat

Illi fid-dawl u fl-isfond ta’ dak premess, it-talba attrici ma tistax tigi akkolta.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tichad it-talbiet attrici bl-ispejjes jithallsu mill-attur pro et nomine.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------